ĦAL TARXIEN

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 26/07 - Il-Ġimgħa 10 ta' Ottubru 2014 fis-18:00pm**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* | |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | *Skużat* |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *Wasal fis-19:10pm* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | *Irtirat fis-19:10pm* |
| *MILLICENT SCERRI* | *AMBAXXATRIĊI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ* | *intemmet il-kariga tagħha peress li għalqet 18-il sena* |
| *PAUL J. PACE* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *ASST. PRINĊIPAL* | |

**AĠENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji (inkluż Skeda ta' Pagamenti)
4. Attivitajiet :- *i) Attivita' Kulturali nhar is-16 ta' Novembru 2014*
   *ii) Lejla ta' Nominazzjonijiet nhar l-24 ta' Novembru 2014*
5. Fuljett
6. Armar tat-toroq fi żmien il-Milied
7. Rapport mill-Kunsillieri
8. Ħwejjeġ Oħra
9. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

1 **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

i. Il-Minuti tal-Laqgħa 25/07 tal-4 ta' Settembru 2014 fil-5.30pm ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii. Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Joseph Abela u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul J. Pace.

2 **Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)**

i. Il-Viċi Sindku s-Sur Paul Farrugia staqsa lis-Sindku s-Sur Joseph Abela jekk tkellimx mas-sidien li għamlu xi xogħol f'Misraħ tas-Suq Sq Nru 2? Is-Sindku wieġeb li għad irid jiltaqa' miegħu. Misraħ tas-Sq Sq Nru 2

ii Il-Viċi Sindku staqsa lis-Seg. Eżek. is-Sur Paul Pace jekk kitebx lill-Kuntrattur Vella Group dwar il-bilanċ pendenti fil-kont għal xogħol ta' *major patching* fi Triq Santa Marija, sabiex jinfurmah bid-deċiżjoni tal-Kunsill kif ukoll kitebx lill-Perit tal-Kunsill sabiex jemenda l-kont tiegħu relatat ma' dan ix-xogħol?

Il-Viċi Sindku staqsa wkoll jekk il-Kunsill għandniex kollox in regola bħal invoices, riċevuti fiskali u garanziji bankarji?

Is-Seg. Eżek. wieġeb li l-ġimgħa li ġejja ser jattendi ġurnata fil-Kunsill sabiex jiċċekja kollox u jagħlaq il-pendenzi kollha li hemm.

ii.i F'dan il-waqt is-Sindku ġibed l-attenzjoni tas-Sur Pace sabiex jieħu ħsieb xi pendenzi oħra li għad hemm. Fost dawn semma' :-

- L-Ittra lill-Kuntrattur Vella Group dwar il-bilanċ fuq xogħol ta' Triq Santa Marija;
- L-ittra lill-Perit dwar l-istess każ;
- Tenders Skaduti u Garanzija Bankarji;
- Jagħmel kuntatt mal-Avukat tal-Kunsill kif ukoll mal-Avukat tal-Kuntrattur Tal-Gramm sabiex niltaqgħu ħalli naraw f'hix wasal dan il-każ;
- Jibgħat għall-Kuntrattur magħżul bħala EU Project Fund Co-ordinator biex jiffirma l-Kuntratt;

ii.ii Is-Seg. Eżek. wieġeb li kif diġa qal iktar qabel ser isib ġurnata sabiex jattendi l-Kunsill u jissetilja l-pendenzi kollha mitluba.

iii. Rigward il-Live Streaming, is-Seg. Eżek. informa lill-Kunsill li għamel kuntatt mal-Kuntrattur mażgħul AID LTD sabiex filwaqt li nfurmah li huwa l-kuntrattur magħżul, iffissaw appuntament għat-Tlieta 14 ta' Ottubru sabiex jiddiskutu x-xogħol relatat. Live Streaming

iv. Ġew iċċirkolati lil dawk kollha preżenti, 3 dokumenti ppreparati mill-Accountant tal-Kunsill b'tabelli ndikattivi tax-xogħol li sar fuq l-Kuntratt tal-PPP kif ukoll tar-Resurfacing. F'dawn id-dokumenti hemm indikat ukoll il-ħlas diġa affettwat kif ukoll il-bilanċi li dan il-Kunsill għad-fadallu jħallas. Kopji ta' dawn id-dokumenti annessi u mmarkati APP. 'A' Bilanċ fuq kontijiet mingħand Vella Group

iv.i Is-Seg. Eżek. spjega li skond l-Iskeda fuq xogħol ta' PPP din is-sena l-Kunsill kellu jħallas is-somma ta' €54,974 li minnhom diġa tħallsu €50,000 u għalhekk fadal bilanċ ta' €4,974. Filwaqt li fuq il-Kuntratt tar-Resurfacing il-Kunsill għad fadallu jħallas bilanċ ta' €44,765.38. Is-Seg. Eżek. kompla jispjega li mill-ammont indikat fuq xogħol tal-PPP, huwa għamel eżerċizzju li għadda d-dokumenti kollha relatati lill-Accountant tal-Kunsill fejn dan minn naħa tiegħu ħa ħsieb jnaqqas il-kreditu tal-kumpanija GO u WSC għalhekk il-bilanċi murija fid-dokumenti suppost huma updated. Bilanċi fuq xogħol ta' PPP u Resurfacing

iv.ii Is-Sindku spjega li b'kollox sa' l-aħħar ta' Diċembru 2014 il-Kunsill irid iħallas lill-Vella Group is-somma ta' €49,739.38. Huwa qed jissuġġerixxi li din is-somma tiġi mħallsa fuq 3

xhur li fadal sa' tmiem is-sena.

Il-Kunsill qabel unanimament li bejn Ottubru u Diċembru nħallsu s-somma ta' €16,579.79 fix-xahar lill-Vella Group.

iv.iii Is-Sindku kompla jispjega li fuq il-kont ta' l-użu tar-roller, l-ewwel il-ftehim kien, li ser jingħatalna b'xejn imbagħad meta reġa kelmu l-kuntrattur qallu li ser jżommulna bil-ġurnata u issa f'daqqa waħda meta fl-aħħar bgħat l-invoice jidher li żammilna €1,485. Meta is-Sindku ġibidlu l-attenzjoni qallu li għandhom jitkellmu biex jirrevedu l-kont. Ser jiddiskuti miegħu fil-laqgħa li ser tintalab miegħu fil-ġranet li ġejjin sabiex jiddiskutu dawn il-punti kollha relati miegħu.

iv.iv Is-Sindku ssuġġerixxa li għalkemm is-sena d-dieħla l-bilanċ fuq il-PPP huwa biss ta' €27,487, qed jissuġġerixxi li fejn hu possibli nibqgħu nwarrbu l-€10,000 fix-xahar ħalli nġemmgħu somma sostanzjali sabiex inkunu f'pożizzjoni li aktar 'l-quddiem f'din il-Leġislatura nagħmlu xi toroq oħra. Tfaddil għal toroq

Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment.

v. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hemm bżonn li jsir xi patching urġenti peress li t-toqob huma pjuttost fondi u kbar. Huwa qal li sab persuna li lest li jikrilna compactor għal €200 il-ġurnata inkluż il-persuna li tħaddem dan il-compactor. Kiri ta' Compactor

Il-Kunsill qabel li jinkera l-*compactor* bil-prezz ta' €200 sakemm nibqgħu *in line* mal-liġi u ma jinqabisx il-valur ta' *direct order*.

vi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li mis-saqaf tal-Berġa beda dieħel ilma. Għalhekk sibna lil xi ħadd li ġie jraqqa' parti mis-saqaf bil-membrane. L-ispejjeż involuti m'għandhomx jaqbżu l-€200.

vii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċevejna ittra mingħand id-Dipt Gvern Lokali li fil-kont tal-Kunsill ġew depożitati s-somma ta' €7028.75 sabiex jagħmlu tajjeb għad-differenza fiż-żieda tal-pagi skond il-ftehim kollettiv 2013-2014. Flus depożitati fil-kont tal-Kunsill rigward żieda fil-pagi

viii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċevejna email mingħand il-WSC li saru inspections fuq l-invoices li bgħattnilhom u rriżulta li x-xogħol ta' reinstatment ma sarx. Is-Seg. Eżek. nforma lill-Kunsill li skond l-agreement li kien ġie ffirmat il-WSC kellha tħallas skond il-permessi maħruġa imbagħad jiddeċidi il-Kunsill meta u kif isiru r-reinstatements. Ħlas għal re-instatment mill-WSC

Il-Kunsill qabel li nirrispondu l-email f'dan is-sens.

ix. Rigward il-proġett ta' tisbiħ tas-Soft Area ta' Kurunell Mas ġejna kkupjata mill-KNPD li skond l-Accessibility Report hemm xi affarijiet li ma qablux magħhom. Is-Seg. Eżek. informa lill-Kunsill li għamel kuntatt mal-Perit sabiex jagħmel l-aġġustamenti neċessarji. Soft Area Kurunell Mas

x. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċevejna talba mir-Reġjun Xlokk jekk il-Kunsill jistgħax jislef il-projector minħabba laqgħa li ser issir mill-Board Valletta2018. Projector

Il-Kunsill qabel unanimament li nisilfu l-projector tagħna.

xi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċevejna email mingħand il-Bord għal Vot 16 li s-Sinjorina Millicent Scerri trid ittemm il-kariga tagħha peress li issa għalqet 18-il sena. Is-Sindku ssuġġerixxa li nagħmlu avviż fil-ħarġa tal-fuljett li jmiss sabiex dawk iż-żgħażagħ interessati japplikaw imbagħad jiddeċiedi l-Kunsill Lokali.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 3 Affarijiet Finanzjarji (inkluż Skeda ta' Pagamenti)

Skeda ta' Pagamenti

i. L-Iskeda ta' Pagamenti ġiet iċċirkolata lill-Kunsillieri kollha.

ii. Il-Viċi Sindku rrimarka li fuq l-Iskeda ta' Pagamenti hemm pagamenti li tagħhom mhemmx indikat Invoice Numbers fosthom il-Pagament lill-Vella Group għall-valur ta' €10,000 kif ukoll oħrajn fejn mhemmx Purchase Orders. Il-Viċi Sindku kompla jispjega li jekk il-Kunsill qiegħed jħallas fuq statement qiegħed jikser il-liġi. Huwa staqsa lis-Seg. Eżek. is-Sur Paul Pace jispjega għaliex il-Kunsill qiegħed jimxi b'dan il-mod.

Is-Seg. Eżek. wieġeb li l-kuntrattur Vella Group qiegħed jipproduċi Invoice wara li l-Kunsill jagħmel pagament. Pero huwa fatt li għad ma rċevejniex uħud mill-Invoices u riċevuti fiskali għal pagamenti li dan il-kunsill diġa għamel. Is-Seg. Eżek. kompla jispjega li pero l-Perit tal-Kunsill ivverifika x-xogħlijiet kollha li saru bejn l-2012 u l-2013.

ii.i Il-Viċi Sindku ddikjara u talab li jkun irreġistrat li l-Kunsill ma jagħmilx iżjed pagamenti jekk ma jkunx hemm Invoice Fiskali. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia wieġeb li mhux dejjem ikun hemm invoice fiskali imma jista' jagħti l-każ li jkun hemm biss riċevuta fiskali u li l-Kunsill f'dan il-każ xorta' jkun jista jħallas fuqha.

Il-Kunsill qabel unanimament li jaffettwa pagamenti biss fuq invoice fiskali u/jew riċevuti fiskali.

ii.ii Il-Kunsillier Lawrence Bonavia kompla jgħid li peress li f'dan il-każ irriżulta li dan il-Kuntrattur għandu xi nuqqasijiet, ladarba s-Sindku u s-Seg. Eżek. ser jiltaqgħu mal-kuntrattur in kwistjoni, għandhom jinfurmawh b'dawn in-nuqqasijiet sabiex jagħraf jirregola l-pożizzjoni tiegħu.

Il-Kunsill qabel unanimament.

ii Il-Kunsill approva unanimament li jitħallsu l-fatturi kollha fuq l-Iskeda ta' Pagamenti Nru19/07 fejn ġiet iffirmata mis-Sindku, minn żewġ Kunsillieri kif ukoll mis-Seg. Eżek.

## 4 Attivitajiet :-

***i) Attivita' Kulturali nhar is-16 ta' Novembru 2014***
***ii) Lejla ta' Nominazzjonijiet nhar l-24 ta Novembru 2014***

Attivitajiet

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar il-Ħadd 16 ta' Novembru 2014 bejn l-10.00am u 2.00pm ser issir Festa Ħelu fi Triq Santa Marija fil-parti ta' quddiem il-Kunsill Lokali. Huwa kompla jgħid li ser inżommu mal-budget ta' €1000 li ser jagħtuna id-Dipt. Gvern Lokali.

Festa Ħelu

Il-Kunsill qabel unanimament li ssir din l-attivita'.

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar l-24 ta' Novembru 2014 ssir il-Lejla ta' Nominazzjonijiet. Is-Sindku qal li bl-€1000 li ser jagħtuna d-Dipt. Gvern Lokali ser jipprova jagħmel iż-żewġ attivitajiet. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar din l-attivita' ser jiltaqa' l-bord kompost minnu bħala Sindku, kif ukoll il-Kunsillieri Frans Agius u Lawrence Bonavia.

Lejla ta' Nominazzjonijiet

Il-Kunsill qabel unanimament li ssir din l-attivita'.

**5 Fuljett** *Fuljett*

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li qed jipproponi li l-Kunsill joħroġ fuljett irqaq mis-soltu bil-kulur fejn kull kunsillier ser ikollu parti fejn jagħmel artiklu. Fuq dan il-fuljett ser jsiru artikli fuq l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ, Tagħrif Lejla tan-Nominazzjonijiet; u xi dettalji oħra importanti għall-pubbliku. Huwa kompla jispjega li ser jipprova jiġbor riklami sabiex innaqsu l-ispejjeż għall-pubblikazjoni ta' dan il-fuljett.

Il-Kunsill qabel unanimament li jsir kif propost mis-Sindku.

*Il-Kunsillier Ismael Dalli wasal fis-7.10pm*

*Il-Kunsilliera Doris Vella qabel ma' irtirat mil-laqgħa fis-7.10pm infurmat lill-Kunsill li fix-xahar ta' Ottubru ser torganizza ħarġa għal Bird Park. Il-kunsill qabel unanimament li ssir din il-ħarġa.*

**6 Armar tat-Toroq fi Żmien il-Milied** Armar tat-Toroq

*i.* Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-tiżjin tal-Milied il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kumitat tal-Festa sabiex jara l-pożizzjoni tal-Kunsill għal din is-sena. Is-Sindku qal li wieġeb din l-ittra fejn qal li għalissa mhux f'pożizzjoni li jikkommetti ruħu għal xi spejjeż.

Huwa qed jissuġġerixxi li għal din is-sena t-tiżjin tat-toroq isir bil-ħaddiema li għandu assenjati miegħu l-Kunsill Lokali. Is-Sindku qal li bħala spiża ser tkun minima. Ser jara kemm ser jiswew il-fustuni, pero sadanittant ser jipprova xorta jiġbor xi sponsors mill-ħwienet sabiex intaffu l-ispejjeż involuti.

Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsillier Lawrence Bonavia talab lis-Sindku sabiex sa laqgħa oħra tal-Kunsill jipprovdi stima ta' spejjeż involuti. Is-Sindku ser jieħu ħsieb jiġbor d-dettalji għal budget involut.

**7 Rapport tal-Kunsilliera**

*Rapport mill-Viċi Sindku Paul Farrugia*

i. Il-Viċi Sindku staqsa jekk l-iżvilupp ta' l-area fi Triq Palma ma' Triq Tal Barrani hemmx involuti xi spejjeż?

i.i Is-Sindku wieġeb li m'hemm ebda spejjeż involuti għaliex l-iskips ġew mogħtija lilna mill-Cleansing Dipt u bħala ġebel għal bini mill-ġdid tal-ħajt qed jintużaw l-istess ġebel fejn qed jittella' mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill Lokali.

*Rapport mill-Kunsillier Lawrence Bonavia*

i. Il-Kunsillier L. Bonavia nforma lill-Kunsill li għal darb'oħra l-Kunsill ser jagħti t-tilqima kontra l-influwenza u li ser jagħtija hu.

ii. Is-Sur Bonavia qal ukoll li Attenda għal Seminar dwar il-Mard Mentali.

*Rapport mill-Kunsillier Keith Darmanin*

i. Is-Sur Darmanin qal li l-lezzjonijiet tal-Aerobics bdew nhar l-Erbgħa 1 ta' Ottubru 2014 Aerobics

ii. Il-Kunsillier K. Darmanin qal li l-Mustang Car Show fi Triq il-Ħaġar kienet suċċess. Saħansitra deher artiklu fuq Inews u fuq il-gazzetti. Mustang Car Show

iii. Huwa kompla jgħid li kellu laqgħa mal-Ispettur Mercieca u ftiehmu li ssir laqgħa mar-residenti. Laqgħa mal-Pulizija

*Rapport mill-Kunsillier Ismael Dalli*

i. Is-Sur Dalli qal li fis-27 ta' Settembru ġiet organizzata l-attivita' tar-Riċiklar tat-tessuti bejn id-9.00am u nofsinhar quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali fejn inġabar madwar tunnellata. Hemm il-pjan li għall-Novembru ssir ġabra oħra. Riċiklar tat-Tessuti

ii. Il-Kunsillier I. Dalli qal li attenda seminar organizzat mil-MUESAC dwar fondi mill-EU. Fondi EU

iii. Attenda wkoll seminar dwar Waste Strategy. Waste Strategy

iv. Il-Kunsillier I. Dalli qed jipproponi sabiex issir laqgħa mas-Surmast tal-Iskola primarja St Thomas Moore dwar tentattiv ta' proġett pilota rigward riċiklar ta' fdalijiet ta' ikel bħala kompost għal Waste Reduction Week. Waste Reduction Week

## 8 Ħwejjeġ Oħra

i. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa mal-Ispettur is-Sur Micallef fejn sar qbil li flimkien mal-Kunsill isir *pass* biex residenti li joqgħodu fl-area tal-Iskola jkunu jistgħu joħorġu minn djarhom bil-karozzi tagħhom waqt il-ħinijiet li triq tkun magħluqa minħabba d-dħul tat-tfal fl-iskola. Huwa kompla jispjega li ser jibgħat ittra lir-residenti nvoluti fejn ser jitlobhom sabiex iġibu l-uffiċċju tal-Kunsill kopja tal-Logbook tal-Vettura sabiex jiġu identifikati l-vetturi li ser jingħatalhom dan il-*pass*. *Passes* għar-residenti ta' fejn l-Iskola

i.i Il-Viċi Sindku P. Farrugia rrimarka li importanti li f'din l-ittra ikun indikat b'mod ċar li għalkemm ser jingħatalhom dan il-*pass* huma bħala sewwieqa ser jinżammu responsabbli l-ħin kollu.

i.ii l-Kunsill qabel unanimament li jsiru dawn il-*passes* bil-kundizzjonijiet kollha diskussi.

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Asst. Direttur fuq HR fi ħdan id-dipt. Gvern Lokali nfurmah li hemm persuna impjegata mal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta li tixtieq titlaq minn ma' dan il-Kunsill Lokali u tiġi mal-Kunsill tagħna peress li fil-Kunsill tagħna teżisti post vakant. Sejħa interna

Ġie deċiż li l-Kunsill joħroġ sejħa interna fil-Kunsilli Lokali u Reġjuni u kull min hu eleġibbli u interessat japplika.

iii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li peress li s-Seg. Eżek. is-Sur Paul Pace wasal biex itemm il-kariga tiegħu fi ħdan dan il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien u minflokU hija rrakomandata li tilħaq s-Sna Antonella Galea, qed jistaqsi lill-kunsill jekk f'dan il-każ għandux isir Interim Audit. Internal Audit

iii.i Is-Seg. Eżek. Paul Pace wieġeb li hekk kif titlob il-Liġi wara li Seg. Eżek. itemm il-kariga tiegħu f'Kunsill Lokali għandu jsir Interim Audit. Dan ġie identifikat ukoll f'Memo 14/2013. Kopja annessa mmarkata APP. 'B'.

iii.ii. Is-Sur P. Pace kompla jispjega li ma jagħmilx sens li għal xahrejn li fadal sa' l-aħħar tas-sena l-Kunsill jidħol fi spiża ta' madwar €4000 biex isir Audit meta bejn Jannar u Marzu 2015 irid isir l-Audit li jsir ta' kull sena.

iii.iii Il-Viċi Sindku rrimarka li xorta waħda għandu jsir Full Audit sabiex kemm is-Seg. Eżek. uxxenti kif ukoll minn jidħol minflokU jkun moħħu mistrieħ u tinbeda paġna ġdida. Skond il-Memo msemmija l-Kunsill huwa obbligat li jinforma lid-Direttur bit-tibdil.

iii.iv Is-Sna A. Galea talbet li huwa xieraq li l-Kunsill jitlob li jsir Full Audit għal perijodu ta' bejn 2011 u 2014 peress li f'dawn is-snin indikati kien hemm diversi Seg. Eżek. li nbidlu u qatt ma sar Interim Audit imma biss Audit f'għeluq is-sena finanzjarja u b'danakollu kien is-Seg. Eżek. P. Pace li sab xi rregolaritajiet u dan għalkemm saru l-Audits fi tmiem kull sena.

iii.v Is-Sindku staqsa għaliex fi żmien in kwistjoni l-Kunsill qatt ma' talab li jsir dan l-Audit wara tmiem l-impjieg tad-diversi Segretarji Eżekuttiv li telqu minn mal-Kunsill lokali.

iii.vi Huwa kompla jgħid li minħabba l-qagħda finanzjarja tal-kunsill huwiex f'pożizzjoni li jagħmel dan l-Audit?

iii.vii Il-Kunsillier Lawrence Bonavia rrimarka li ladarba dan l-Audit huwa rikweżit legali trid issir t-talba ufficċjali lid-Direttur Gvern Lokali.

iii.viii Il-Viċi Sindku qal li bl-affarijiet li bdew jinstabu tul il-perjodu in kwistjoni huwa about time li jsir kif suppost dan it-tip ta' Full Audit.

iii.ix Il-Viċi Sindku P. Farrugia u l-Kunsillier L. Bonavia ddikjaraw li hi x'inhi l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill dan l-Audit għandu jsir għaliex mhumiex lesti li jerfgħu r-responsabbilta' fuqhom bħala Kunsillieri jekk jinqala xi ħaġa. Is-Sindku qal li jekk niġu f'dan lanqas hu mhu lest li jerfa' r-responsabbilita'.

iii.x Il-Kunsillier K. Darmanin qal li għalkemm veru l-pożizzjoni finanzjarja hi dik li hi pero jkun għaqli li l-kunsill jitlob għal Audit. Huwa staqsa jekk meta jsir l-Audit annwali liema jkun il-perjodu li jiċċekjaw dawn l-Awdituri. Is-Seg. Eżek. wieġeb li huma jaraw biss il-perjodu ta' dik is-Sena Finanzjarja jiġifieri per eżempju Jannar 2014 sa Diċembru 2014.

iii.xi Il-Viċi Sindku insista li jrid isir Full Audit għaliex huwa mhux ser jidħol responsabbli għaliex huma bil-Liġi bħalissa huma responsabbli personali.

iii.xii Is-Sindku reġa staqsa għaliex l-Amminstrazzjonijiet preċedenti qatt ma talbu li jsir dan it-tip ta' full audit u qed jinsisti li jsir issa. Il-Viċi Sindku wieġeb li għaliex fi żmien kollu qatt ma nstabu rregolaritajiet bħal fuq il-kuntratti ta' l-iskips u tal-bankini. U dawn l-irregolaritajiet sabhom is-Sur Pace u s-Sindku.

iii.xiii Il-Kunsillier L. Bonavia ssuġġerixxa li s-Sindku jistaqsi lill-Avukat f'dawn il-kazi kemm hija l-preskrizzjoni biex jekk jgħidilna perjodu qasir inutili li l-Kunsill imur lura għal numru itwal ta' snin.

iii.xiv Saret diskussjoni fit-tul jekk il-Kunsill għandhux jitlob li jsir Interim Audit jew Full Audit.

iii.xv Is-Sindku qal li għalih mhux *worthed* li jħallas ammont konsiderevoli ta' flus sabiex isir Investigative Audit xahrejn qabel ma tintemm is-sena għaliex m'aħniex fil-pożizzjoni finanzjarji adekwata.

iii.xvi Il-Kunsillier I. Dalli rrimarka li jekk isir Full Audit għal perijodu kif qed titlob s-Sna A. Galea jkun serħan tal-moħħ għal kulħadd u dan għal fatt li kif iddikjarat f'dan il-perjodu kien hemm hafna tibdil tal-idejn.

iii.xvii Ġie deċiż li niktbu lid-Dipartiment fejn nitolbuhom direzzjoni jekk jistax isir Interim Audit jew Full Investigative Audit bejn 2011 u 2014.

## 9 Għeluq tal-Laqgħa

i Il-laqgħa ntemmet fis-8.20pm.

ii Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 13 ta' Novembru 2014 fis-6.00pm

**Sur Joseph Abela**
**Sindku**

**Sur Paul Pace** Dip. B. A. Bus Mangt MBA
**Seg. Eżek**